

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 155/2012

tal-21 ta' Frar 2012

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Billi:

Fil-Kapitolu 85 tan-Nomenklatura Magħquda stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 <sup>(3)</sup>, in-Nota 3 Addizzjonali li ġejja hija mdaħħla:

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 620/2011 <sup>(2)</sup> żewġ subintestaturi ġodda, 8528 71 15 u 8528 71 91, ġew introdotti fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87. It-tnejn li huma jkopru apparat b'taġħmir ibbażat fuq mikroproċessur li jinkorpora modem għad-dħul fl-Internet, u li għandu funzjoni għall-iskambju interattiv tal-informazzjoni, li kapaċi jirċievi sinjali tat-televiżjoni li huma msejħa "kaxxi ta' fuq is-sett li għandhom funzjoni ta' komunikazzjoni". Skont il-kliem tas-subintestaturi l-apparat jinkludi apparat li jinkorpora taġħmir li għandu l-funzjoni li jirrekordja jew jirriproduċi, sakemm iżomm il-karattru essenzjali ta' kaxxa ta' fuq is-sett li għandha l-funzjoni ta' komunikazzjoni.

"3. *Għall-għanijiet tas-subintestaturi 8528 71 15 u 8528 71 91 biss, it-terminu "modem" ikopri taġħmir jew apparat li jimmodula u jiddemodula s-sinjali deklin u heġġin, bħal V.90-modems jew modems tal-kejbil, u apparat ieħor li jutilizza t-teknoloġiji simili sabiex jinkiseb aċċess għall-Internet, bħad-WLAN, l-ISDN u l-Ethernet. Il-limitu ta' aċċess għall-Internet jista' jkun limitat mill-fornitur tas-servizz.*

(2) Fl-interess taċ-ċertezza legali huwa neċessarju li jiġi ċċarat l-ambitu ta' dawn is-subintestaturi ġodda fir-rigward tat-termini "modem" u "skambju interattiv tal-informazzjoni". Nota ġdida addizzjonali għalhekk għandha tiġi mdaħħla fil-Kapitolu 85 tan-Nomenklatura Magħquda biex tiġi żgurata interpretazzjoni uniformi ta' dawn is-subintestaturi fit-territorju kollu tal-Unjoni.

*L-apparat taħt dawn is-subintestaturi għandu jippermetti proċess ta' komunikazzjoni bejn żewġ naħat, jew fluss ta' informazzjoni bejn żewġ naħat bl-iskop li jiġi pprovdut skambju interattiv tal-informazzjoni."*

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(1) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(2) ĠU L 166, 25.6.2011, p. 16.

(3) ĠU L 282, 28.10.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni,  
Fisem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni*

---